MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2010

Numru. 702/2002

**Pulizija**
**(Spettur Martin Sammut)**

**vs**

**Emmanuele Magro**
**Shone(Carmel – Shone) Agius**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Emmanuele Magro ta’ 50 sena, iben Giuseppe u Paola nee’ Zerafa, imwieled fl-14 ta’ Novembru 1951, Naxxar u residenti St. John Flat 3, Trejqet Nicola Cottoner, Gzira u detentur tal-karta tal-identita’ numru 910651(M) u l-imputat Shone (Carmel-Shone) Agius ta’ 29 sena, iben Philip u Mary nee’ Magro, imwieled fl-24 ta’ Frar 1973 Pieta’ u residenti 53, Triq il-Gzira, Gzira u detentur tal-karta tal-identita’ numru 123673(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

F’dawn il-Gzejjer nhar il-11 ta’ Gunju 2002 ghall-habta ta nofsinhar u kwart, fi Triq San Gorg, San Giljan, u/jew fil-vicinanzi;

1. Ikkommettew serq ta’ Lm70 mill-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAT852 tal-ghamla Isuzu ghad-dannu ta’ Mark Micallef, is-socjeta’ Cassar Trading u persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-‘vjolenza’, u ‘xorta tal-haga misruqa’ u dan bi ksur ta’ artikoli 261, 262 u 271 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehudha b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew b’kull mod indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom u dan bi ksur ta’ Artikolu 334 ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Emmanuel Magro wahdu akkuzat aktar talli huwa recediv b’diversi sentenzi tal-Qorti hekk kif gej; sentenza mill-Qorti tal-Appell moghtija nhar l-4 ta’ Marzu 1998 u tal-21 ta’ Gunju 1999 mill-Qorti tal-Magistrati liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu..

Shone Agius wahdu akkuzat aktar talli huwa recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija nhar il-25 ta’ Frar 2000, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel, u kif ukoll ghamlu reat fi zmien operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija nhar l-24 ta’ Jannar 2002.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 6 ta’ Awwissu, 2002 (esebit *a folio* 17 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tal-24 ta’ Ottubru, 2002 l-imputati iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza ;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda serq ta' pouch kontenenti Lm70 minn vettura/vann bin-numru tar-registrazzjoni GAT 852 li sehh fil-11 ta' Gunju 2002 ghall-habta ta' 12.15pm waqt li l-imsemmi vann kien parkeggjat fi Triq San Gorg, San Giljan u dan ghad-detriment ta' Mark Micallef u s-socjeta' Cassar Trading. Mill-provi rrizulta li x-xufier tal-imsemmija vettura/vann, Mark Micallef, kien ipparkeggja l-vann fi Triq San George, San Giljan u dahal jixtri l-pastizzi minn hanut li hemm fl-imsemmija lokalita' u halla il-vann miftuh bil-pouch bil-flus fuq is-seat. Waqt li kien qieghed fil-hanut dahal ragel li qallu li xi hadd kien ghadu kemm hadlu l-pouch mill-vann. Meta xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-8 ta' Frar 2005 (traskrizzjoni tax-xhieda inserita a fol. 61 u 62 tal-process) Mark Micallef spjega li huwa kien hareg jigri u ra lill-imputat Emanuel Magro bil-pouch f'idejh u huwa talbu jaghtih lura il-pouch u dan hekk ghamel. Meta gew il-Pulizija fuq il-post u huwa ghamel il-konteggji sab li kien hemm madwar Lm6 neqsin mis-Lm70 li originarjament kien hemm fil-pouch.

F'din il-kawza xehdu il-Pulizija tal-Mobile Squad (PC1242, PC1459 u PC1179 li lkoll xehdu waqt l-udjenza tal-24 ta' Ottubru 2002) li spjegaw li fil-gurnata in kwistjoni kienu rcevew telefonata mill-Control Room fejn gew infurmati li kien hemm zewgt irgiel suspettuzi li kienu qeghdin ibghabsu fil-karozzi fl-inhawi ta' Tas-Sliema u San Giljan. Waqt li huma kienu ghaddejjin minn Triq San Gorg, f'San Giljan waqqafhom ragel u qalilhom li kien ghadu kemm insteraq pouch minn vann u indikalhom zewgt irigiel li kienu jixbhu id-deskrizzjoni moghtija lilhom mill-Control Room. Huma raw lil dawn l-irgiel (li identifikaw bhala l-imputati) jargumentaw ma ragel iehor u r-ragel l-iehor li kien salesman qalilhom li l-imputati kienu ghadhom kemm hadulu l-pouch u l-imputati tawh il-pouch lura b'Lm14 neqsin. Meta saret search fuq il-persuna taz-zewg imputati instabu Lm14 fuq il-persuna ta' Shone Agius li qalilhom li l-flus kienu ilhom ghandu minn filghodu.

Iz-zewg imputati it-tnejn irrilaxxjaw stqarrija (esebiti a fol. 31 sa 34 tal-process) fejn l-imputat Emanuel Magro ammetta li kien hu li ha il-pouch mill-vann ghaliex ra it-tieqa tal-vann miftuha u ghelbitu it-tentazzjoni. Huwa qal li l-imputat l-iehor Shone Agius kien dahal jixtri il-pastizzi u huwa qaghad jistennih barra u meta hareg tah Lm14 mill-flus li kien hemm fil-pouch sabiex izommomlu izda ma qallux li l-flus kienu misruqin. L-imputat Shone Agius ta l-istess verzjoni tal-fatti fl-istqarrija tieghu.

Il-Qorti jidrilha li mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz jirrizulta minghajr ebda dubju li kien l-imputat Emanuel Magro li seraq il-pouch bis-Lm70 mill-vann in kwistjoni u dan mhux biss ghaliex fl-istqarrija tieghu huwa ammetta li kien ha il-pouch izda anki ghaliex Mark Micallef, is-salesman identifikah bhala l-persuna li kien hadlu l-pouch u li mbaghad meta qabdu kkonsenjahulu lura. L-istess haga ma tistghax tinghad in kwantu jirrigwarda l-imputat l-iehor Shone Agius ghaliex Mark Micallef ma identifikahx bhala l-persuna li hadlu l-pouch, huwa semma biss lill-imputat Emanuel Magro. Huwa minnu li nstabu Lm14 fuq il-persuna ta’ Shone Agius liema ammont kien l-ammont li nstab nieqes mill-pouch izda Shone Agius spjega li l-imputat l-iehor kien tah dawn il-flus sabiex izommhomlu meta huwa hareg mill-hanut tal-pastizzi. Jezisti ghalhekk id-dubju jekk effettivament Shone Agius kienx ma’ Emanuel Magro meta dan ha il-pouch u jekk huwa kienx jaf li l-Lm14 li ghaddielu zijuh kienux effettivament misruqin. Una volta li jezisti dan id-dubju l-Qorti thoss li dan ghandu jimmilita favur l-imputat Shone Agius u huwa sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

In kwantu jirrigwarda l-imputat Emanuel Magro u l-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu huwa ser jinstab hati biss tal-akkuza ta’ serq aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u mhux ta’ serq aggravat bil-vjolenza u dan ghaliex minn imkien mill-provi ma jirrizulta li s-serq in kwistjoni kien aggravat bil-vjolenza ai termini tal-Artikolu 262 tal-Kodici Kriminali. Id-Difiza ta’ Emanuel Magro meta ghamlet is-sottomissjonijiet finali accennat li s-serq kien

ta’ ammont zghir hafan (Lm6). Il-Qorti tirrileva f’dan ir-rigward li l-imputat Emanuel Magro seraq il-pouch bl-ammont ta’ Lm70 u kien biss meta huwa kwazi inqabad fil-fatt li huwa irritorna lura il-pouch li nstabulu jew Lm14 (skond kif jindikaw il-Pulizija tal-Mobile Squad u l-istess imputat Magro fl-istqarrija tieghu) jew Lm6 skond ma jindika s-salesman Mark Micallef. Is-serq izda kien jirrigwarda l-pouch bl-ammont ta’ Lm70 u l-imputat Emanuel Magro ser jinstab hati ta’ dan is-serq. Una volta li huwa qed jinstab hati tas-serq il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni akkuza ta’ ricettazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu stante li huwa evidenti li din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza u una volta li qed jinstab hati ta’ serq ma jistghax jinstab hati ta’ ricettazzjoni.

L-imputat Emanuel Magro gie akkuzat ukoll li sar recidiv b’sentenzi tal-Qorti tal-Appell datati 4 ta’ Marzu 1998 u 21 ta’ Gunju 1999 izda dawn is-sentenzi la gew esebiti u l-anqas saret id-debita prova tal-identita’ dwarhom. Huwa sejjer ghalhekk jigi liberat minn din l-akkuza.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat Emanuel Magro mal-ewwel irritorna ir-res furtiva, kif ukoll il-fatt li l-ammont in kwistjoni kien wiehed pjuttost zghir (Lm70) u anki l-fatt tat-trapass taz-zmien minn meta inbdew dawn il-proceduri quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta sakemm gew terminati u jidrilha li fic-cirkostanzi m’ghandhiex tapplika piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 271 u 281 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat Emanuel Magro hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu izda limitatament in kwantu din tirrigwarda s-serq aggravat bix-xorta tal-haga misruqa u tikkundannah tnax (12)-il xahar prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospizi ghal perijodu ta’ sentejn (2) millum. Il-Qorti inoltre tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat stante li din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza u tiddikjara lill-imputat

Emanuel Magro mhux hati tal-bqija tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

Il-Qorti tiddikjara lill-imputat Shone Agius mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------